# Il-Qrendi fl-1940/42



Kitba ta' Emmanuel Muscat

Sittin sena ilu Malta kienet għaddejja minn waħda mill-eqqel taqbidiet tagħha. Ir-raħal tal-Qrendi ma setax jeħlisha minn dan, għaliex jinsab ferm viċin il-mitjar ta' Ħal Luqa u minħabba f'hekk, kemm waqt li jkunu deħlin sabiex iwaddbu l-bombi qerrieda tagħhom kif ukoll huma u ħerġin sejrin lura lejn Sqallija, l-ajruplani tal-għadu spiss kienu jgħaddu minn fuq l-inħawi qrib ir-raħal.

## Postijiet ta' Difiża

Tul il-gwerra l-Qrendi kien miżgħud l-iktar bis-suldati mit-Tielet Battaljun ta' l-Infanterija tal-*King's Own Malta Regiment* (KOMR). Kien hawn ukoll stakkamenti ta' suldati minn diversi reġimenti Ingliżi fosthom tal-Hampshires. Il-palazz tal-Gwarena kien wieħed mill-postijiet li kienu jabitaw fih is-suldati. F'Has-Sejjiek kien hemm il-fortizza li kienet mgħammra b'erba kanuni kbar ta' kontra l-ajruplani ta' l-għamla HAA 3.7 inch. u qrib il-ġibjun kien hemm kanuni ħfief ta' l-għamla Bofors. Fil-qasam ta' San Niklaw fl-1942 kien inbena dak li kien magħruf il-mitjar tal-Qrendi. Dan kien beda jintuża f'Novembru 1942 minn tliet skwadri tar-Royal Air Force li kienu il-185, 229 u 249 b'16 -il *Spitfire Vb* kull waħda.

## Ix-Xeltrijiet

Qabel tħaffru ix-xeltrijiet in-nies kienet tmur tfittex kenn fil-knisja jew fil-kantini. Kienu riffdu l-kantini bis-seratizzi u t-tavluni, però n-nies malajr intebħet li dawn ftit li xejn kienu tajbin għall-bombi li kienu jwaddbulna. Oħrajn kienu jippreferu li jorqdu fl-irziezet milli fir-raħal għaliex dan kien iktar vulnerabbli għall-attakki. Lejn l-aħħar tas-sena 1940 kienu bdew jitħaffru numru kbir ta' xelters fil-blat madwar ir-raħal kollu, fost dawn fejn l-għassa tal-pulizija kien tħaffer xelter imdaqqas li kien jintuża bħala sptar. L-akbar xelter kien dak ta' f'Misraħ Santa Marija, li kellu tliet bokok u kien jesa' mas-sebgħin ruħ. Dak iż-żmien kien ħa x-xogħol tax-xeltrijiet ta' dawn l-inħawi il-Kaptan Sarafin Xuereb. Kull xelter kienu jħaffruh minn żewġ naħat, sakemm iniffduh u f'kull naħa kien ikun hemm jaħdmu tlett irġiel, tnejn ibaqqnu u wieħed itella' ix-xaħx u l-ġebel imqatta' bil-qoffa. Dan kien jintrema fil-ġenb tal-pjazza tal-Maqluba jew kien jinxtered biex iwittu t-toroq peress li dak iż-żmien dawn ma kinux asfaltati. Il-ħaddiema tax-xeltrijiet kienu jitħallsu madwar nofs lira kuljum u biex jitlesta xelter kienu jgħaddu madwar sitt xhur.

Il-biċċa l-kbira tan-nies kienet drat tuża x-xeltrijiet. Ma' kull sinjal ta' *Air Raid* kulħadd kien imur fix-xelter imwerwer u jitlob speċjalment meta l-ajruplani kienu jkunu fuqna jew hekk kif kienu jinstemgħu l-ħsejjes tal-bombi u l-kanuni, sakemm jgħaddi l-attakk mill-ajru u n-nies kienet toħroġ u terġa' tmur lura lejn darha. Dak iż-żmien il-biċċa l-kbira tal-għajxien kien jiġi mix-xogħol fl-għelieqi. Tul il-gwerra n-nies li kienu jaħdmu r-raba' hawn il-Qrendi xorta waħda baqgħu jaħdmuh għax l-uċuħ bdew iġibu l-flus.

Okkażjoni sabiħa kienet meta t-Tielet Battaljun tal-KOMR kien ikkonsagrat lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesu. Il-konsagrazzjoni saret fil-knisja parrokkjali tal-Qrendi fl-24 ta' Diċembru 1941, fil-preżenza ta' l-Arċisqof Dom Maurus Caruana. Mhux biss kienu preżenti s-suldati Maltin imma anki attendew mat-tmenin suldat tal-Hampshires.



*Il-monument li jfakkar il-vittmi Qrendin tat-Tieni Gwerra.*

### Tiġrif ta' ajruplani

Kienu bosta l-ajruplani li ġġarfu fl-inħawi tal-Qrendi. Fit-8 ta' Ġunju 1941, bomber Taljan BR 20M kien iġġarraf iż-Żelliqat. Fil-25 ta' Jannar 1942, kienu ġġarrfu żewġ ajruplani Ingliżi Hurricane, wieħed tal-Ħotba u l-ieħor il-Qasam. Imbagħad fl-20 ta' Marzu 1942, Spitfire mill-iskwadra 249 kien iġġarraf f'tal-Muddajn u fl-24 ta' Lulju 1942, ajruplan Ġermaniż Junkers 88 kien iġġarraf viċin l-Imnajdra.

### Is-Sena 1942

Is-sena 1942 kienet l-iktar waħda kiefra matul is-snin tal-gwerra. Fuq Malta kienu saru 2,031 attakk mill-ajru u l-Qrendi kemm-il darba kien fil-mira. Fid-9 t'April, 1942 kien l-iktar jum diżastruż għall-Qrendin. F'dak iż-żmien il-Ġermanja kellha informazzjoni li fil-knejjes Maltin kien qed jinħażen munizzjon kif ukoll ikel. Kienu attakkati diversi knejjes u dik tal-Qrendi ħelsitha għal ftit. Dakinhar kienu ħallew ħajjithom erba' Qrendin. Il-knisja ta' San Mattew tal-Maqluba kienet tintuża bħala maħżen tal-proviżjon tas-suldati, iżda ma tantx damet, għaliex fit-12 t'April 1942, waqgħet bomba ħdejha li għamlet xi ħsara fil-faċċata tagħha. Wara li spiċċat il-gwerra din kienet reġgħet inbniet mill-ġdid xi ftit differenti. F'nofs l-1942 beda l-ġuħ u madwar Malta kienu nfetħu l-*Victory Kitchens*. Fil-Qrendi kien hawn ukoll minn dawn, waħda minnhom kienet tinsab f'Misraħ San Mattew. Dawn il-kċejjen kienu jservu lill-pubbliku platt ikel lest b'sistema ta' razzjon. Dawn kienu baqgħu joperaw sakemm wasal f'Awissu 1942 il-famuż *Convoy Pedestal*, magħruf minna l-Maltin, ta' Santa Marija, li salva lil Malta.

Il-Qrendi fi żmien l-aħħar Gwerra Dinjija kellu tlettax-il vittma minn attakki tal-għadu li kollha ġraw matul is-sena 1942.

---

**Riferenzi:**

Maltin Fil-Gwerra - L Mizzi
Malta Blitzed But Not Beaten - P Vella
Battle Over Malta - A Rogers


# HORACE ENTERPRISES LTD.

*SPORTS GOODS & TROPHIES*
*IMPORTER - WHOLESALER*

TEL: 696[illegible]2, MOB: 0942 0346
FAX: 693397



No.1 FOR PRICE,
SERVICE & QUALITY

